# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 373/99**

**Numru 34**

**David Abela**

**vs**

**Mark Cassar u Rhoda Saliba**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u tletin lira Maltija (Lm730) dovuta mill-konvenuti lill-attur, ghal xoghol ta' injam li l-istess attur ghamel fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta' cessjoni tal-5 ta' Dicembru 2000 li biha l-attur ceda l-istess meritu tal-kawza pero zamm ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fil-5 ta' Dicmebru 2000 meta gew prezentati l-kapitoli, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ultejuri tal-meritu, tilqa t-talba tal-attur in rigward il-kap tal-ispejjez u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jhallsu lill-attur l-ispejjes ta' din il-procedura.

Avviz Nru 373/99 JAB

Alan Calleja
Dep.Reg